SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 6111

Illum it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2011

Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fin-12.30 pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joseph Balzan u l-Kunsilliera: Caroline Galea, Joseph Bonello u Paulette Gafa`. Il-Kunsilliera Caroline Galea infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li kienet ser tasal xi ftit tard u filfatt waslet għal-laqgħa fis-1.10p.m.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 6011 li saret nhar is-Sibt, 26 ta' Novembru 2011 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 *Upgrading ta' trejqiet f'Wied Garnaw*

Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-proposta tal-Kunsill biex jiġu *upgraded* it-trejqiet f'Wied Garnaw. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma setgħax jissottometti l-proposta tiegħu għas-sejħa taħt il-*European Agricultural Fund for Rural Development – Measure* 125, peress illi ma kienx għadu sar membru tal-GAL Xlokk.

### 1.1.2 CCTV *cameras*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal minuta 4.4 tal-laqgħa preċedenti u staqsa jekk kienx intlaħaq xi ftehim dwar l-ispiża nvoluta biex issir il-manutenzjoni tas-CCTV *camera* li tagħti għal fuq Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku qal li l-istima baqgħat dik li kienet peress li tinkludi x-xiri ta' materjal. Huwa qal li issa l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk isirx ix-xogħol ta' manutenzjoni fejn prattikament irid jinbidel il-*cable* kollu.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-26 ta' Novembru 2011 u d-19 ta' Diċembru 2011 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha flimkien mal-Minuti 6011.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1504/11/O - Enemalta – *New Street Lighting* Trejqet Garnaw
- 1541/11/O - GO p.l.c. – Twaħħil ta'arbli ta' l-injam fi Triq Katerina Vitale

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1559/11/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Konferenza STANDUP
- 1560/11/I – Resident – Żbir ta' siġra fi Triq Maria De Domenicis
- 1565/11/I – L-Onor. Silvio Parnis – Konferenzi u laqgħat tal-Kunsill

- 1578/11/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *Group Health Insurance Policy*
- 1583/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 120/2011 – Għajnuna lil Kunsilli Lokali li għandhom responsabilta' ta' libreriji lokali
- 1597/11/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 122/2011 – Skema ta' Finanzjament għall-Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar
- 1598/11/I – Heritage Enterprise - *NeSsie Project*
- 1600/11/I – Heritage Enterprise – *Expression of Interest – Citizens in Action*
- 1601/11/I – l-Onor. Chris Said – L-Ewropa fuq ir-Roti

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- SLLC *Memo* 20/2011 – Proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'.
- Dokument ta' l-offerta għall-Provista ta' Servizzi ta' Gwardjani Lokali.

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1559/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar l-istedina għall-konferenza STANDUP li għaliha seta' jattendi membru tal-Kunsill kif ukoll resident. Is-Sindku qal li kien ser ikellem persuna li tista' tkun interessata fis-suġġett ta' din il-konferenza. Ġie nnutat li d-data ta' l-għeluq għar-reġistrazzjoni għal din il-konferenza hija s-6 ta' Jannar 2012.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1560/11/I il-Kunsill ġie nfurmat bit-tweġiba ta' resident għal ittra li ntbagħtet mill-Kunsill fil-11 ta' Diċembru 2011 fir-rigward ta' siġra li qed tesporġi fuq il-bankina u qed tkun ta' ostakolu għal min ikun għaddej. Fit-tweġiba tiegħu r-resident wieġeb li s-siġra kien żabarha ħalli jkunu jistgħu jgħaddu n-nies minn fuq il-bankina u li kien ser jiżborha kollha meta l-frott li fiha jkun lest biex jinqata'. Għandha tintbagħt ittra ta' ringrazzjament ta' l-interess. Ġie nnutat ukoll li siġra li tinsab f'parapett privat fi Triq il-Kamelja kantuniera ma' Triq id-Dalja qiegħda tgħatti l-bozza ta' l-i*street lighting*. Għaldaqstant għandha tintbagħt ittra lir-residenta kkonċernata.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1565/11/I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talba ta' l-Onor. Silvio Parnis u ġie stabbilit li l-aġenda tal-laqgħat tal-Kunsill u avviżi ta' laqgħat pubbliċi oħra fuq *issues* importanti għal-lokalita', għandhom jintbagħtu wkoll lil membri parlamentari kollha tad-distrett.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1578/11/I il-Kunsill qabel li tiġġedded il-*Group Health Insurance Policy* 2012 li għandu l-Kunsill mal-Middlesea Insurance għal perjodu 01/01/2012 - 31/12/2012.

**3.5** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1583/11/I il-Kunsill qabel li japplika għal fondi msemmija fl-iskema marbuta ma’ *Memo* 120/2011 dwar għajnuna relatata ma’ libreriji pubbliċi li jaqgħu taħt ir-responsabilta’ tal-Kunsill.

**3.6** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1597/11/I il-Kunsill iddiskuta *Memo* 122/2011 dwar skema ta’ finanzjament għal restawr ta’ postijiet storiċi żgħar u qabel li għandu jerġa’ jressaq il-proposta għar-restawr tal-Kappella ta’ Santa Luċija.

**3.7** B’referenza għall-korrispondenza bin-numri 1598/11/I u 1600/11/I is-Sindku nforma l-Kunsill li Heritage Enterprise qed jippruvaw isibu fondi għal proġetti tal-Kunsill relatati ma’ enerġija nadifa u l-proġett ta’ *resurfacing* tal-Jogging Track b’wiċċ sintetiku.

**3.8** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 1601/11/ I il-Kunsill ġie nfurmat dwar ittra ta’ l-Onor. Chris Said dwar *tours* organizzati u b’xejn li jieħdu gruppi ta’ Maltin u Għawdxin iżuru proġetti li saru b’ finanzjament Ewropew.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Proposta ta’ Sky Telecom*

Il-Kunsill iddiskuta proposta ta’ Sky Telecom dwar *packages* li qed jiġu offruti fir-rigward ta’ servizz ta’ linji tat-telefon. Ġie nnutat li minn eżerċizzju li sar fuq kontijiet riċenti li rċieva l-Kunsill jidher li b’dawn il-*packages* il-Kunsill kien ser jiffranka sa €80 fix-xahar. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta.

### 4.2 *Servizz ta’ Gwardjani Lokali*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-kuntratt għas-servizz ta’ Gwardjani Lokali tar-Reġjun Nofsinhar ingħata lil kumpanija Guard and Warden. Kopja tad-dokument tal-offerta ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa.

### 4.3 *Fondi mis-Sistema ta’ Infurzar Lokali*

Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva mill-Kumitat Konġunt ta’ l-LES is-somma ta’ €3,534 li huma flus li akkumulaw sat-30 ta’ Novembru 2011. Il-Kunsill kien infurmat ukoll li d-deċiżjoni li jitqassmu l-flus li jakkumulaw kienet ittieħdet waqt laqgħa ta’ l-istess Kumitat Konġunt li saret fis-6 ta’ Settembru 2011.

**4.4 *Diploma mill-Maltese Olympic Committee***

Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet ingħatat Diploma b'rabta man-nominazzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-*Outstanding Sporting Achievements.*

**4.5 *Sejħiet għall-Offerti***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienu ħarġu dawn is-sejħiet għall-offerti:

| **Ref:** | **Kuntratt** | **Tagħlaq** |
|---|---|---|
| (WM) 57/11/05 | *Works Manager* fuq xogħol ta' manutenzjoni u proġetti tal-Kunsill Lokali | Nofs inhar tal-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2011 |
| (PCA) 57/11/06 | Tindif u manutenzjoni tal-Latrini Pubbliki | Nofs inhar tal-Ġimgħa, 23 ta' Diċembru 2011 |

**4.6 *New Street Lighting***

Is-Sindku rrefera għal minuta 1.1.1 u qal li l-Kunsill ser jerġa' japplika għal dawl ġdid f' Wied Garnaw peress li l-applikazzjoni preċedenti, li ma kinitx ġiet milqugħa, kienet tirreferi għal *area* differenti fl-istess wied.

**4.7 *Laqgħa tal-Lokalita'***

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-lokalita' ssir nhar is-Sibt, 28 ta' Jannar 2012 fid-9.00a.m. fil-*premises* tal-Liberija Pubblika.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3835 sa numru BOV3858 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu 05/11/11 sa 28/11/11.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 6011.

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv. Nov.11 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | SS(57/09/01) | Serv. Ott.11 | 1131.53 |
| Light and Shade | SLLC Q(57/11/01) | Kont Nru.1 | 2621.96 |
| Koperattiva Tabelli uSinjali | *Sgns/Mkgs* | 15725 | 1646.35 |
| Cleaning Services Dept. | PC57 | Serv. Nov.11 | 416.40 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX – Nov.11 | 91.62 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF (57/09/02) | 1033 | 1022.59 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF (57/09/02) | 1032 | 1069.74 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF (57/09/02) | 1029 | 402.76 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF (57/09/02) | 1030 | 120.04 |
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF (57/09/02) | 1031 | 198.48 |

### 5.3 *Kwotazzjoni SLLC Q(57/11/14) - Xiri ta' Rough Cutter Mower*

Saret referenza għal kwotazzjoni hawn fuq imsemmija. Għal din is-sejħa li kienet tagħlaq fid-9 ta' Diċembru 2011 intefgħat kwotazzjoni waħda, dik ta' I.V.Portelli & Sons Ltd. li tammonta għas-somma ta' €1481 (VAT inkluż). Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu biex dan l-apparat jinxtara b'effett immedjat.

## 5.4 *Approvazzjoni għall-xiri ta' għamara għal-Librerija Pubblika*

Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għax-xiri ta' għaxar *swivel chairs* għal-Librerija Pubblika. Din il-kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' €385 ġiet approvata mill-Kunsill.

## 6. BUDGET 2012

Il-Kunsill iddiskuta xi proposti li jistgħu jiġu nklużi fil-*budget* għas-sena 2012. Fost dawn il-proposti kien hemm qbil li fl-estimi tal-*budget* issir provista ta' €5000 li tkopri l-ispiża nvoluta biex il-Kunsill jidħol membru fil-GAL Xlokk. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir provista għas-servizz ta' librar/a għal-Librerija Pubblika. Fir-rigward ta' ġemellaġġi għandhom jiġu vvutati fondi sal-massimu stabbilit mil-liġi. Proposta oħra tal-Kunsill kienet li tinxtara statwa ta' Santa Luċija u titqiegħed f'post prominenti fil-lokalita'. Ġie deċiż li l-Kunsill iressaq l-estimi tal-*budget* fl-ewwel laqgħa wara l-Laqgħa tal-Lokalita' kif stipulat fil-liġi tal-Kunsilli Lokali.

## 7. COUNCIL ASSETS

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed issir reviżjoni ta' l-assi tal-Kunsill biex dawk l-assi li huma skaduti jitneħħew mil-lista ta' l-assi tal-Kunsill. Lista ta' l-assi li għandhom jitneħħew qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

## 8. PERFORMANCE BONUS GĦALL-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

Il-Kunsill approva l-*performance bonus* tal-ħaddiema tal-Kunsill kif ġej:

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv | 10% |
| Louise Gatt – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |
| Claudia Costantino – Uffiċċjal Eżekuttiv | 6% |

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Resurfacing ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP*

Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema hawn fuq imsemmija. Huwa qal li f'Jannar ser jibda x-xogħol ta' *trenching* fi Triq Ineż Soler ħalli jkun jista' jingħata wiċċ ġdid lil din it-triq. Huwa qal li x-xogħol ser ikompli fi Triq Ġuljetta Lopez u wara ssir Triq il-Ġnien.

### 9.2 *Latrina Pubblika*

Is-Sindku ta rendikont tax-xogħol li għaddej fuq il-latrina pubblika u qal li huwa ppjanat li din titlesta sa nofs ix-xahar ta' Frar 2012.

### 9.3 *Proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku tkellem dwar il-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li din il-ġimgħa kien iffirma l-ftehim dwar dan il-proġett biex issa dan ikun jista' jiġi ffirmat ukoll mill-Gvern Malti u l-Gvern Ċiniż. Huwa nforma li bħala spejjeż il-Kunsill ser ikun responsabli biss mill-ispiża għal permess tal-Mepa. Is-Sindku ppreżenta wkoll id-disinn ta' dan il-proġett kif ippreparat mill-Inġiniera Ċiniżi.

### 9.4 *Manutenzjoni ta' sprall fi Triq il- Kaħwiela*

Il-Kunsill iddiskuta lment dwar sprall imkisser fi Triq il-Kaħwiela. Is-Sindku qal li kien mar jieħu xi ritratti dwar dan l-ilment (ref: 27/11). Kien hemm qbil li għandu jiġi ordnat ix-xogħol biex issir il-manutenzjoni neċessarja.

## 10. Awguri tal-Milied

Fi tmiem il-laqgħa s-Sindku rringrazzja lil Kunsillieri, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tagħha tal-ħidma siewja tagħhom u flimkien mal-Kunsilliera awgura lil kulħadd xewqat sbieħ u sena tajba.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012 fis-6.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn, 23 ta’ Jannar 2012**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**